**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 134/2016 CFF**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**Vs**

**Carmel Bugeja**

**Illum 8 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tal-attur** fejn espona:

1. Illi fid-data ta' tlettax (13) ta' Gunuju tas-sena elfejn u sittax (2016) l-esponenti gie notifikat b'att gudizzjarju, Ittra Numru 1441/16, flimkien ma dikjarazzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 466(1) u (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u B rispettivament).

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qieghed jopponi t-talba bhala wahda infondata.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost u ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex

tiddikjara t-talba tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Lted (C 46054) bhala wahda infondata.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd** pro et noe fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited ipprezentat l-ittra ufficjali promotorja f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma u ghalhekk fl-okkju ta' din il-procedura ghandha tigi indikata bhala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.

2. Illi l-ammont pretiz, ara prospett hawn anness u market bhala Dok "ARMS 1", indikat fl-ittra ufficjali ntavolata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-imsemmi Carmel Bugeja huwa bbazat fuq qari attwali tal-metres li jinsabuf il-fond Ester Garage, Triq Schinas, G'Mangia u sussegwentement ghall-qari tal-metres il-hlas mitlub huwa ghall-kera tal-metres biss u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-procedura.

3. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti hija tal-fehma li din l-istess Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1441/2016 ipprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv fl-ammont ta' €2,991.30 kontra l-imsemmi Carmel Bugeja.

**Ikkunsidrat**

Carmel Bugeja meta xehed semma li kemm-il darba kkomunika mas-socjeta' konvenuta sabiex inehhulu l-meter tad-dawl. Huwa kien gie infurmat minn haddiem tal-ARMS li kien ghalxejn jipprova jikkomunika maghhom, ghaliex il-meters m'humiex se jinqalghu sabiex jibqghu jithalsu l-kirjiet taghhom.  Jispjega wkoll li kien ilu l'fuq minn ghoxrin

sena bla dawl stante li kien hemm kont pendenti ta' xi ftit liri, li meta halsu, talab lill-ARMS sabiex jaqtghu ghal kollox is-servizz fil-fond.

Illi meta xehed Ruben Bonnici, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, spjega li l-kont kien jghajjat lil Carmel Bugeja ta' Easter Garage, Triq Skina, Gwardamangia. Huwa zied illi f'ittra datata l-21 ta' Jannar, 2006, mibghuta minn Carmel Bugeja, kien talab li s-servizzi jigu skonnettjati u mhux li l-meter jinqala' minn postu u jitnehha kompletament. Meta gie mistqosi dwar l-uzu tal-kelma servizz skonnettjat, huwa fisser li jkunu nqalghu l-pajpijiet izda l-meters jibqghu f'posthom. Bhala applikazzjoni sabiex jitnehha l-meter, din qatt ma saret.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien ghamel diversi tentattivi sabiex is-servizz tad-dawl li kellu gewwa l-garage tieghu jitnehha. Illi gara ghalkemm is-servizz kien twaqqaf, xorta kienu qieghdin jinhargu kontijiet pero mhux ghal konsum tad-dawl izda ghal kera tal-arlogg li kien hemm fil-post. Ghalkemm ir-rikorrent ma gab ebda dokumenti tad-diversi korrispondenzi li kien baghat fuq il-kwistjoni, l-intimata socjeta' gabet ittra li kien baghat ir-rikorrent li gieb id-data tal-21 ta' Jannar 2006.

Illi hareg bic-car li f'din l-ittra r-rikorrent kien ilu zmien jilmenta sabiex jigi 'disconnected' s-servizz u ma jibghux jinhargu kontijiet izda minn dan kollu ma kienx gie infurmat x'ghandu jaghmel. Illi kif gie kkonfermat mill-istess xhieda ta' Ruben Bonnici li hadd ma kien baghat risposta fuq din l-ittra. Kien madwar tlett snin wara li r-rikorrent kien ircieva ittra sabiex jigi infurmat li l-kont gie rivedut u tnaqqas ammont zghir minnu izda ma kien hemm ebda referenza dwar tnehhija tal-arlogg.

Illi fuq din il-kwistjoni, r-rikorrent ghandu ragun meta mis-sena 2006 kien talab sabiex jinghata l-fakulta' li jigi meter reader u s-servizz jinqata darba ghal dejjem. Minn naha tas-socjeta' intimata tat x'tifhem li l-kelma *disconnected* tfisser biss it-tnehhija tal-pajpijiet u l-ghalhekk igib il-waqfien tas-servizz izda mhux it-tnehhija tal-arlogg. Kien ghalhekk li baqa' jinhareg kont sabiex tithallas il-kera tal-arlogg. Illi da parti tal-istess

socjeta', naqset li tinfurma lir-rikorrent u almenu twiegeb ghall-ittra li kien baghat fl-2006.

Illi pero fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2019, r-rikorrent eccepixxa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148 (b) u (f) kif ukoll taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm fir-rikors promotur ma gietx indikata d-dispozizzjoni specifika tal-ligi li tikkontempla l-preskrizzjoni partikolari li giet eccepita, ir-rikorrent tramite l-avukat tieghu waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju 2019, irregistra s-segwenti dikjarazzjoni:-

> *"… Dr. Grima ghar-rikorrent qieghed jissoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148 (b) (f) kif ukoll taht l-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.."*

Huwa ritenut fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi jekk ma tigix indikata espressament u b'mod sufficjentement car, il-preskrizzjoni eccepita, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinciz specifiku, l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi kkunsidrata mill-Qorti u ghandha tigi mwarrba. Il-Qorti filwaqt illi tosserva li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx sollevata fir-rikors promotur izda bil-verbal li sar nhar l-4 ta'Gunju 2019 fl-atti tal-kawza, dan in-nuqqas gie rettifikat u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tara din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-preskrizzjonijiet eccepiti mill-attur huma s-segwenti l-artikoli 2148 (b) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dawn is-zewg sub-artikoli jaghmlu referenza ghall-azzjonijiet li jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar. Illi jekk wiehed ihares lejn is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f' isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta vs Emanuel Grixti**, inghad li:-

> *"Ibda biex qed jigi osservat illi l-preskrizzjoni sollevata a tenur ta' l-Artikolu 2148 (f) riferibilment "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" ma ticcentra xejn fil-kaz*

*ta' azzjoni ghall-hlas bhal dak pretiz bl-avviz. Hawn si tratta ta' ghoti ta' servizz u l-fatt tal-meter rentals hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta' dak is-servizz. Ara in materja l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**John Scicluna nomine -vs- Robert Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas tas-servizz tat-telephone."*

Illi fuq dan l-insenjament tas-sentenza hawn kwotata johrog bic-car li l-artikolu 2148 (f) ma japplikax ghal kaz in kwistjoni. Illi ghalhekk jibqa' f'dan il-kaz l-artikolu 2148 (b) fejn jaghmel referenza fuq bejgh ta' merkanzija mibjugh bl-imnut. Illi ir-relazzjoni li tezisti bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta hija dwar ghoti ta' servizz u ghalhekk zgur ma jinkwadrax f'dan il-kaz.

Illi f'dan il-kaz r-rikorrent ghamel referenza ukoll ghall-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minghajr ma semma taht liema sub-artikolu tmiss l-azzjoni biex taqa' preskritta. Illi minn dak li jghid l-istess artikolu 2156, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fis-sub-artikolu 2156 (f) fejn jghid:

> **2156***(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita ma tkunx applikabbli ghal kaz in ezami, mhux il-kompitu taghha li toqghod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-Qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin. Illi jibqa' biss jekk f'dan il-kaz liema sub-artikolu r-rikorrent qieghed jaghmel referenza meta qieghed isemmi biss l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz anki l-istess socjeta' konvenuta ma opponietx ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni anzi kkonfermat li jekk tigi milqugha, il-perjodu applikat

ghandu jkun ta' hames snin. Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> *"Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
>
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
>
> *(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
>
> *(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."*

Madanakollu, il-Qorti trid tara jekk hiex tal-fehma illi f'dan il-kaz jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) fejn jikkontempla l-preskrizzjoni ta' hames snin. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dak li huwa mitlub mis-socjeta' konvenuta huwiex kreditu li huwa msemmi f'dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, li fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***,

tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jghid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus bhal ma' hu f'dan il-kaz partikolari fejn qieghed jintalab il-hlas ta' kera tal-meter.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:

> *"....jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus."*
> *"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus...."*

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

Il-Qorti tara li l-Artikolu 2156(f) japplika fir-rigward ta' hlas ta' kreditu ghal provvista ta' servizz li jissokta u li johrog minn ftehim bil-miktub, billi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jikkonkorru. Il-kreditu huwa wiehed li johrog minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirrizulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa' taht perjodu ta' preskrizzjoni iqsar.

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jintalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli. U ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuqu cioe' dik ta' hames snin. Illi l-

ammont dovut beda mis-sena 1999 mill-ahhar pagament li kien sar mir-rikorrent. Ma hemm ebda prova ohra li r-rikorrent kien hallas xi kontijiet pendenti li kellu mas-socjeta' intimata izda biss li kien hemm talba ghal waqfien tas-servizz fis-sena 2006.

Illi mid-dokumenti esebiti f'dawn il-proceduri li jinsabu a fol 8 et seq tal-process, jidher li r-rikorrent qatt ma hallas xi kont li kellu pendenti u l-ahhar kont li thallas kien fis-sena 1999 (ara fol 48). L-ittra ufficjali taht l-artikolu 466 giet intavolata f'Gunju tas-sena 2016 u notifikata lir-rikorrenti fit-13 ta' Gunju 2016.

Illi ghalkemm ir-rikorrent talab il-waqfien tas-servizz u fil-fatt kien hemm disconnection pero l-istess kont baqa' johrog minhabba l-kera tal-meter. Illi ma jidhirx li huwa hallas dak li kien dovut minnu qabel ma' kien hemm it-talba biex jigi maqtugh is-servizz. Illi pero jirrizulta li skont l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 '***Regolamenti Fuq il-Provvista ta' l-Elettriku***', fejn tghid li:

> *Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti.*

Illi ghalhekk jidher bic-car li f'dan il-kaz l-ittra mibghuta fl-2006 kienet turi b'mod car l-intenzjoni tar-rikorenti li jinqata' ghal kollox u jitnehha kull tip ta' servizz. Ma kienx ikun jaghmel sens f'dan il-kaz ghal konsumatur li jnehhi kull servizz u jhalli arlogg meta mhux qieghed juzah fejn qieghed ihallas kera aktar gholja mill-konsum li seta' juza.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz kienet l-istess socjeta' intimata li naqset li tiehu l-avviz mibghut mir-rikorrent sa mis-sena tal-2006 biex jitnehha kollox. Lanqas jista' jinghad li tali avviz ghandu jkun taht xi formola specifika ghaliex dak li jghid l-istess artikolu 72 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja juri bic-car li ma hemm ebda fomalita' specifika izda avviz bil-miktub. Illi ghalhekk kien jibqa' biss li jhallas dawk il-kontijiet pendenti qabel id-data tat-talba tieghu sabiex is-servizz jitnehha flimkien ma' l-arlogg. Illi jidher mir-rendikont

esebiet mis-socjeta' konvenuta, l-attur Carmel Bugeja ma kien hallas qatt hlief ghal data partikolari qabel is-sena 2006.

Illi kif diga giet accennat fl-artikolu 72 tar-Regolamenti Fuq il-Provista tal-Elettriku jaghmilha cara li tali waqfien ghandu jinghata biss jekk ikunu thallsu dak li huwa dovut lil min jipprovdi s-servizz tad-Dawl. Illi jidher li qabel is-sena 2006 meta ghamel talba bil-miktub ma hallas ebda kont u ghalhekk il-kera dovuta fuq il-meter baqa' ghaddej. Huwa minnhu kif argumenta r-rikorrent li kien ghamel talba sabiex jieqaf kollox u jidher b'mod car li l-istess socjeta' intimata naqset milli tinfurma lill-istess rikorrent x'ghandu jaghmel.

Illi wara li gie determinat taht liema artikolu tal-Ligi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa irid jigi kkunsidrat jekk ir-rikorrent bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eccepita billi segwa l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017, ma kienx ghadu fis-sehh meta giet intavolata din il-kawza. Dan qieghed jinghad li din il-kawza giet registrata fit-3 ta' Gunju 2016 u ghalhekk l-emendi ma jolqtux l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent f'dawn il-proceduri. Illi kieku kien ghal kaz odjern, kif gie ritenut fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-

> *"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku*

*ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 ma japplikax minhabba li dawn il-proceduri sehhew qabel ma dahal fis-sehh dan l-artikolu 2160 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jibqa' f'dan il-kaz jekk l-azzjoni hiex preskritta bit-terminu ta' hames snin kif inhu stipulat taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr dubju fis-sentenza kwotata fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' *Enemalta vs Emanuel Grixti* l-artikolu 2156(f) jghodd ghal kaz in kwistjoni u konsegwentement, il-Qorti tqis li huwa proprju l-Artikolu 2156(f) li japplika f'dan il-kaz. Din l-azzjoni giet mibdija minn socjeta li ghandha s-setgha li tigbor dawk il-krediti u tuza l-istess artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi madankollu, il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li hemm fil-Ligi. Illi kif diga gie accennat, ir-regolamenti jispecifaw li l-hlas dovut irid isir u mhux issir talba sabiex jitnehha servizz biss. Illi ghalhekk tqis li r-rikorrent ghandu jhallas l-ammont dovut mis-sena 2011 meta b'att gudizzjarju taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gabet l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni taht dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti fil-mertu kif kontenuta fir-rikors tieghu izda tilqa' talba tieghu ghar-rigward il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 1441/16 datata 3 ta' Gunju 2016 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandhiex tigi esegwita bhala titolu esekuttiv ghajr ghall-ammont dovut sa mit-3 ta' Gunju 2011 sad-data ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Gunju 2016.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom, b'dan li l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali numru 1441/2016 ghandha tkun a karigu tar-rikorrenti Carmel Bugeja.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**